SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

21 ta' Novembru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika kummerċjali komuni – Protezzjoni kontra l-prattiki ta' dumping – Importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw fiċ-Ċina – Regolament provviżorju (UE) Nru 1071/2012 – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 430/2013 – Validità – Regolament (KE) Nru 1225/2009 – Artikolu 5 – Ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni – Definizzjoni tal-prodott ikkonċernat – Fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali"

Fil-Kawża C-719/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-hof van beroep te Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerpen, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Ottubru 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Novembru 2022, fil-proċedura kriminali kontra

Profitt Europe NV,

Gosselin Forwarding Services NV,

fil-preżenza ta':

Openbaar Ministerie,

Federale Overheidsdienst Financiën,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn D. Gratsias, President ta' Awla, I. Jarukaitis, President tar-Raba' Awla, u Z. Csehi (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: A. Lamote, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Marzu 2024,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Profit Europe NV, minn P. Diaz Gavier, advocaat,

– għal Gosselin Forwarding Services NV, minn A. Poelmans, advocaat,

– għall-Gvern Belġjan, minn S. Baeyens, P. Cottin u C. Pochet, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P.-J. Loewenthal, G. Luengo u J. Zieliński, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1071/2012 tal-14 ta' Novembru 2012 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajl[andja] (ĠU 2012, L 318, p. 10) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament provviżorju"), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 430/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajlandja u li jtemm il-proċediment fir-rigward tal-Indoneżja (ĠU 2013, L 129, p. 1) iktar 'il quddiem ir-"Regolament definittiv") (iktar 'il quddiem, flimkien, ir-"Regolamenti antidumping").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra Profit Europe NV u Gosselin Forwarding Services NV (li kienet Crosstainer NV) (iktar 'il quddiem "Gosselin"), li huma akkużati li wettqu diversi ksur doganali waqt l-importazzjoni ta' fittings fonduti ta' tubi jew ta' pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li joriġinaw miċ-Ċina.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-klassifikazzjoni tariffarja

Il-Kodiċi Doganali tal-Komunità

3 L-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-Komunità") kien jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 3 u 6 tiegħu:

"1. Dazji legalment dovuti meta jiġi inkors dejn doganali għandhom ikunu bbażati fuq it-Tariffa Doganali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Il-miżuri l-oħra stipulati mid-dispożizzjonijiet tal-Komunità li jirregolaw oqsma speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' kummerċ ta' merkanzija għandhom, fejn hu xieraq, jiġu applikati skond il-klassifikazzjoni tat-tariffa ta' dik il-merkanzija.

3. It-Tariffa Doganali tal-Komunitajiet Ewropej għandha tikkomprendi:

a) in-nomenklatura magħquda tal-merkanzija;

b) kull nomenklatura oħra li hija kollha jew parti minnha bbażata fuq in-nomenklatura magħquda jew li żżid xi suddiviżjonijiet magħha, u li hija mwaqqfa minn dispożizzjonijiet tal-Komunità li jirregolaw oqsma speċifiċi bl-għan ta' l-applikazzjoni ta' miżuri tat-tariffa li għandhom x'jaqsmu ma' kummerċ ta' merkanzija;

[…]

6. Il-klassifika tat-tariffa tal-merkanzija għandha tkun il-fattur determinanti, skond ir-regoli fis-seħħ, ta':

a) is-subintestatura tan-nomenklatura magħquda jew is-subintestatura ta' kull nomenklatura oħra li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 3(b); jew

b) is-subintestatura ta' kull nomenklatura oħra li hija parti minnha jew kollha bbażata fuq in-nomenklatura magħquda jew li żżid xi suddiviżjonijiet magħha, u li hija mwaqqfa mid-dispożizzjonijiet tal-Komunità li jirregolaw oqsma speċifiċi, bl-iskop ta' l-applikazzjoni ta' miżuri ħlief miżuri tat-tariffa li għandhom x'jaqsmu ma' kummerċ ta' merkanzija,

li taħtha għandha tkun klassifikata l-merkanzija msemmija qabel."

– *In-NM*

4 Kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 254/2000 tal-31 ta' Jannar 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 9, p. 357) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 2658/87"), il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi n-Nomenklatura Magħquda (iktar 'il quddiem in-"NM") li tissodisfa kemm ir-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni Ewropea kif ukoll politiki oħra tal-Unjoni relatati mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni tal-merkanzija.

5 In-NM, li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, hija bbażata fuq is-sistema armonizzata tal-indikazzjoni u tal-kodifikazzjoni tal-merkanzija, imfassla mill-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (WCO), u stabbilita bil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni ta' Merkanzija, konkluża fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983. Din il-konvenzjoni ġiet approvata, flimkien mal-Protokoll li jemendaha tal-24 ta' Ġunju 1986, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 288). Konformement mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2658/87, in-NM għandha tirriproduċi l-intestaturi u s-subintestaturi b'sitt ċifri tas-sistema armonizzata tal-indikazzjoni u tal-kodifikazzjoni tal-merkanzija, filwaqt li s-seba' u t-tmien ċifra biss jiffurmaw is-subdiviżjonijiet li huma speċifiċi għaliha.

6 In-NM, kemm fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011 tas-27 ta' Settembru 2011 (ĠU 2011, L 282, p. 1), kif ukoll f'dik li tirriżulta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 927/2012 tad-9 ta' Ottubru 2012 (ĠU 2012, L 304, p. 1), kienet tinkludi intestatura 7307, li kienet hekk strutturata:

"7307	Tagħmir ta' tubi u pajpijiet (per eżempju, couplings, liwjiet minkeb, sleeves), ta' ħadid jew azzar:
	– tagħmir ta' forma:
7307 11	– – ta' ħadid fondut mhux-malleabbli:
7307 11 10	– – – Tat-tip użati f'sistemi ta' pressjoni
7307 11 90	– – – oħrajn
7307 19	– – oħrajn
7307 19 10	– – – Ta' ħadid fondut malleabbli
7307 19 90	– – – oħrajn
	Oħrajn, ta' l-istainless steel:
[…]	
	– oħrajn:"

7 Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 2658/87, il-Kummissjoni għandha tadotta noti ta' spjega għan-NM.

8 In-Noti ta' Spjega tan-NM, ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-6 ta' Mejju 2011 (ĠU 2011, C 137, p. 1), dwar is-subintestaturi 7307 11 10 u 73 07 11 90 kienu jipprovdu:

"L-espressjoni 'mhux malleabbli' tinkludi ħadid fondut tal-grafit lamellari

Dawn is-subintestatura jkopru fitjaturi tal-ħadid fondut, bħal liwjiet minkeb, liwjiet, sleeves, ties, collars u tees. Huma magħqudin ma' tubi jew pajpijiet ta' ħadid fondut jew azzar permezz ta' kamin, kuntatt jew permezz ta' mmuntar mekkaniku."

9 Skont in-Noti ta' Spjega relatati mas-subintestatura 7307 19 10:

"Ħadid fondut malleabbli huwa prodott intermedju bejn ħadid tal-grafit lamellari (ħadid griż) u azzar fondut. Dan jista' jkun fondut faċilment u jsir iebes u malleabbli wara trattament xieraq bis-sħana. Matul it-trattament bis-sħana, il-karbonju jisparixxi parzjalment jew jibdel il-kompożizzjoni tiegħu; huwa fl-aħħar jiddepożita fil-forom ta' noduli li ma joħolqux koeżjoni metallika sa tali punt li l-grafit jitqaxxar fil-ħadid fondut griż.

Fejn il-kontenut ta' karbonju ikun 2 % jew inqas mill-piż, il-prodotti jitqiesu li huma ta' azzar fondut u jaqgħu f'subtitlu 7307 19 90 (ara Nota 1 għal dan il-kapitlu).

L-espressjoni malleabbli tinkludi grafit ta' ħadid fondut sferojdali.

[…]"

10 Permezz tan-Noti ta' Spjega tan-NM ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-4 ta' Jannar 2019 (ĠU 2019, C 2, p. 2), minn naħa, it-tielet paragrafu tan-nota ta' spjega dwar is-subintestatura 7307 19 10 tħassar. Min-naħa l-oħra, in-Nota ta' Spjega l-ġdida dwar is-subintestatura 7307 19 90 ġiet miżjuda, filwaqt li tippreċiża li din tinkludi l-fittings magħmula mill-ħadid fondut bil-grafit sferojdali.

– *It-TARIC*

11 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2658/87 jipprovdi li:

"Tariffa Integrata tal-Komunitajiet Ewropej, min issa 'l quddiem imsejħa 'Taric', li tħaddan fiha l-ħtiġiet kollha ta' Tariffa Doganali Komuni, l-statistiċi esterni tal-kummerċ, il-linji politiċi kummerċjali, agrikoli u linji politiċi oħra tal-Komunità rigward l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti, għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni.

It-Tariffa għandha tkun ibbażata fuq in-[NM] u jkun fiha:

a) il-miżuri li jinsabu f'dawn ir-Regolamenti;

b) is-suddiviżjonijiet Komunitarji addizzjonali, msejħa 'Subartikoli tat-TARIC', li huma meħtieġa għall-implimetazzjoni ta' miżuri Komunitarji speċifiċi mniżżla fl-Anness II;

[…]"

12 Fost il-miżuri tal-Unjoni previsti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, fil-punt 5 tal-Anness II tiegħu jinsabu, fost oħrajn, id-dazji antidumping.

13 Il-kodiċi TARIC 7307 19 10 10 kien japplika għall-fittings fonduti ta' tubi jew ta' pajpijiet bil-kamin, magħmula minn ħadid fondut malleabbli.

Il-leġiżlazzjoni antidumping

– *Ir-Regolament bażiku*

14 L-Artikolu 1(1), (2) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku"), kien jipprovdi li:

"1. Dazju kontra dumping jista' jiġi applikat għal kwalunkwe prodott oġġett ta' dumping li l-liberazzjoni tiegħu għal ċirkulazzjoni ħielsa fil-Komunità tikkawża ħsara.

2. Prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala oġġett ta' dumping jekk il-prezz ta' l-esportazzjoni tiegħu għall-Komunità ikun inqas minn prezz paragonabbli għal prodott simili, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, kif stabbilit għall-pajjiż esportatur.

[…]

4. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu 'prodott simili' għandu jiġi interpretat biex ifisser prodott li jkun identiku, jiġifieri, l-istess f'kull lat, bħall-prodott taħt kunsiderazzjoni, jew fin-nuqqas ta' prodott bħal dan, prodott ieħor li għalkemm ma jkunx l-istess f'kull lat, ikollu karatteristiċi li jixbħu mill-qrib dawk tal-prodott ikkunsidrat."

15 Skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, intitolat "Il-bidu tal-proċeduri":

"1. Ħlief kif previst fil-paragrafu 6, investigazzjoni biex jiġu determinati l-eżistenza, il-grad u l-effett ta' kwalunkwe dumping allegat għandha tinbeda fuq ilment miktub minn kwalunkwe persuna naturali jew legali, jew kwalunkwe assoċjazzjoni li m'għandiex personalità legali, f'azzjoni għan-nom ta' l-industrija Komunitarja.

[…]

2. Ilment taħt paragrafu 1 għandu jinkludi evidenza ta' bejgħ taħt il-prezz, ħsara u rabta każwali bejn l-importazzjonijiet allegatament li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara allegata. L-ilment għandu jkun fih informazzjoni bħal din kif disponibbli b'mod raġjonevoli lil min qiegħed jagħmel l-ilment wara:

a) l-identità ta' min qiegħed jagħmel l-ilment u d-deskrizzjoni tal-volum u l-valur tal-produzzjoni Komunitarja tal-prodott simili minn min qiegħed jagħmel l-ilment. Fejn ilment bil-miktub isir għan-nom ta' l-industrija tal-Komunità, l-ilment għandu jidentifika l-industrija li f'isimha jkun qiegħed isir l-ilment permezz ta' lista ta' produtturi Komunitarji li kulħadd jafhom tal-prodott simili (jew assoċjazzjonijiet ta' produtturi Komunitarji tal-prodott simili) u, sa' fejn possibbli, b'deskrizzjoni tal-volum u l-valur tal-produzzjoni Komunitarja tal-prodott simili meħud kont tiegħu minn produtturi bħal dawn;

b) deskrizzjoni sħiħa tal-prodott allegatament mixtri taħt il-prezz, l-ismijiet tal-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini jew ta' esportazzjoni msemmija, l-identità ta' kull esportatur jew produttur barrani magħruf u lista ta' persuni magħrufa li jimpurtaw il-prodott imsemmi;

(ċ) informazzjoni dwar il-prezzijiet li bihom il-prodott msemmi jiġi mibjugħ meta destinat għal konsum fis-swieq domestiċi tal-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini jew ta' esportazzjoni (jew, fejn xieraq, informazzjoni dwar il-prezzijiet li bihom il-prodott jiġi mibjugħ minn pajjiż jew pajjiżi ta' oriġini jew ta' esportazzjoni lill-pajjiż jew pajjiżi terzi jew fuq il-valur kostrutt tal-prodott) u informazzjoni dwar il-prezzijiet għall-esportazzjoni jew, fejn xieraq, dwar il-prezzijiet li bihom il-prodott huwa l-ewwel mibjugħ mill-ġdid lil xerrej indipendenti fil-Komunità;

d) informazzjoni dwar tibdiliet fil-volum ta' importazzjonijiet allegatament li huma l-oġġett ta' dumping, l-effett ta' dawk l-importazzjonijiet fuq prezzijiet tal-prodott simili fuq is-suq Komunitarju u l-impatt b'konsegwenza ta' l-importazzjonijiet fuq l-industrija Komuinitarja, kif murija mill-fatturi rilevanti u l-indiċi li għandhom effett fuq l-istat ta' l-industrija Komunitarja, bħal dawk elenkati fl-Artikoli 3(3) u (5).

3. Il-Kummissjoni għandha, sakemm ikun possibbli, teżamina l-preċiżjoni ta' l-evidenza mogħtija fl-ilment biex tiddetermina jekk hemmx biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' investigazzjoni.

[…]

9. Fejn, wara konsultazzjoni, ikun jidher li hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' proċeduri, il-Kummissjoni għandha tagħmel hekk fi żmien 45 ġurnata minn meta jkun sar l-ilment u għandha tippubblika notifikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. […]

10. In-notifikazzjoni tal-bidu tal-proċeduri għandha tħabbar il-bidu ta' investigazzjoni, tindika l-prodott u l-pajjiżi konċernati, tagħti ġabra fil-qosor ta' l-informazzjoni riċevuta, u tipprovdi li l-informazzjoni rilevanti kollha għandha tiġi kkomunikata lill-Kumissjoni; għandha turi l-perjodi li matulhom, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu lilhom infushom magħrufa, jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jissottomettu informazzjoni jekk opinjonijiet u informazzjoni bħal dawn għandhom jiġu meqjusa matul l-investigazzjoni; għandha wkoll tistqarr il-perjodu li matulu partijiet interessati jistgħu japplikaw biex jiġu mismugħa mill-Kumissjoni skond l-Artikolu 6(5).

[…]"

16 L-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament, intitolat "L-investigazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 5 tiegħu:

"1. Wara l-bidu tal-proċeduri, il-Kummissjoni, li taġixxi f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tibda investigazzjoni fil-livell Komunitarju. Investigazzjoni bħal din għandha tkopri kemm id-dumping kif ukollil-ħsara u dawn għandhom jiġu investigati fl-istess ħin. […]

[…]

5. Il-partijiet interessati li jkunu għamlu lilhom infushom magħrufa taħt l-Artikolu 5(10) għandhom jiġu mismugħa jekk huma, fi żmien il-perjodu stabbilit fin-notifika ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għamlu talba bil-miktub għal udjenza li turi li huma parti interessata li x'aktarx tiġi affettwata mir-riżultat tal-proċediment u li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jiġu mismugħa."

17 L-Artikolu 7 tar-Regolament Bażiku, intitolat "Miżuri proviżorji", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dazji proviżorji jistgħu jiġu imposti jekk ikunu inbdew proċeduri skond l-Artikolu 5, jekk notifikazzjoni ġiet mogħtija b'dak l-effett u l-partijiet interessati ġew mogħtija biżżejjed opportunitajiet biex jissottomettu informazzjoni u jagħmlu kummenti skond l-Artikolu 5(10), jekk jiġi determinat proviżorjament b'mod affermattiv dumping u tkun saret ħsara konsegwenti lill-industrija Komunitarja, u jekk l-interess Komunitarju jirrikjedi intervenzjoni biex tiġi pprevenuta ħsara bħal din. Id-dazji proviżorji għandhom jiġu imposti mhux aktar kmieni minn 60 ġurnata mill-bidu tal-proċeduri imma mhux aktar tard minn disa' xhur mill-bidu tal-proċeduri."

18 L-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament, intitolat "Terminazzjoni mingħajr miżuri; impożizzjoni ta' dazji definittivi", jipprovdi, fil-paragrafu 4 tiegħu:

"Meta l-fatti kif stabbiliti fl-aħħar juru li hemm id-dumping u l-ħsara kkawżata minnu, u l-interess Komunitarju jitlob li jkun hemm intervent skond l-Artikolu 21, dazju definittiv kontra d-dumping għandu jiġi impost mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta sottomessa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv. Il-proposta għandha tiġi adottata mill-Kunsill, sakemm ma jiddeċidix b'maġġoranza sempliċi li ma jaċċettax il-proposta, fi żmien xhar wara li tkun ġiet sottomessa mill-Kummissjoni. Meta jkunu fis-seħħ dazji provviżorji, proposta dwar azzjoni definittiva għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn xahar qabel l-iskadenza ta' dawn id-dazji. L-ammont tad-dazju ta' kontra d-dumping ma għandux ikun ogħla mill-marġini tad-dumping stabbilit iżda għandu jkun

anqas mill-marġini jekk dan id-dazju mnaqqas ikun biżżejjed biex titneħħa l-ħsara lill-industrija Komunitarja."

– *Ir-Regolament provviżorju*

19 Il-premessi 1, 2, 16, 19 u 28 tar-Regolament provviżorju huma redatti kif ġej:

"(1) Fis-16 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni […] ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [ĠU 2012, C 44, p. 33] ('Notifika ta' Bidu'), il-bidu ta' proċedura antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina […], it-Tajlandja u l-Indoneżja ('il-pajjiżi kkonċernati').

(2) Il-proċedura nbdiet b'riżultat ta' lment imressaq fit-3 ta' Jannar 2012 mill-Kumitat tad-Difiża tal-Fittings ta' Ħadid Fondut ta' Tubi jew Pajpijiet, ta' Ħadid Fondut Malleabbli tal-Unjoni Ewropea […] f'isem produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 50 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin ta' ħadid fondut malleabbli ('fittings malleabbli bil-kamin'). L-ilment kien jinkludi evidenza *prima facie* ta' dumping tal-prodott imsemmi u tad-dannu materjali li jirriżulta minnu, li kien ikkunsidrat biżżejjed biex jiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni. Din l-evidenza tqieset suffiċjenti biex tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni.

[…]

(16) Il-prodott ikkonċernat kif deskritt fin-Notifika ta' Bidu huwa fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli […], li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 7307 19 10."

[…]

(19) Il-prodott ikkonċernat u l-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tar-PRĊ, it-Tajlandja u l-Indoneżja, u fis-suq domestiku tal-Indja, li serviet bħala pajjiż analogu, kif ukoll il-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni nstab li kellhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi. Għalhekk huma kkunsidrati provviżorjament bħala identiċi fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku […]

[…]

(28) L-awtoritajiet ta' wieħed mill-Istati Membri aċċennaw għall-fatt li, skont in-noti ta' spjega għan-[NM], l-espressjoni 'malleabli' tinkludi grafit ta' ħadid fondut sferojdali (identiku għall-ħadid fondut duttili). Filwaqt li ma ġie rrapportat l-ebda bejgħ ta' fittings bil-kamin magħmula minn ħadid fondut duttili minn xi parti interessata matul il-PI, hemm evidenza li dan huwa possibbli. Billi dawn il-fittings għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi bħall-fittings malleabbli bil-kamin investigati, huwa kkunsidrat xieraq li jiġi kkjarifikat li l-prodotti tal-ħadid duttili jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proċediment u tal-miżuri."

20 L-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament kien jipprovdi:

"Għaldaqstant, qiegħed jiġi impost dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li fil-preżent jaqgħu taħt il-kodiċi

NM ex 7307 19 10 (kodiċi TARIC 7307191010) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja."

– *Ir-Regolament definittiv*

21 Il-premessi 12 u 13 tar-Regolament definittiv kienu fformulati kif ġej:

"(12) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ġie meqjus xieraq li tiġi riveduta d-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott kif stabbilita fir-Regolament provviżorju. Għalhekk, il-prodott ikkonċernat huwa definittivament definit bħala fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li attwalment jaqgħu fil-kodiċi NM ex 7307 19 10, minbarra korpi ta' fittings ta' kompressjoni bl-użu tal-ħajta metrika ISO DIN 13 u kaxxi fejn jingħaqdu l-kejbils ċirkolari b'ħadid fondut malleabbli mingħajr għatu.

(13) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħrajn dwar il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, is-sejbiet fil-premessi minn (17) sa (21) u minn (23) sa (28) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati."

22 L-Artikolu 1(1) tar-Regolament definittiv kien jipprovdi:

"Dazju definittiv antidumping huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li jeskludi korpi ta' fittings ta' kompressjoni bl-użu tal-ħajta metrika ISO DIN 13 u kaxxi fejn jingħaqdu l-kejbils tal-ħadid malleabbli bil-kamin ċirkolari mingħajr ma jkollhom għatu, li attwalment jaqa' fil-kodiċi NM ex 7307 19 10 (kodiċi TARIC 7307 19 10 10) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina […] u t-Tajlandja."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

23 Profitt Europe u Gosselin huma żewġ kumpanniji Belġjani. L-ewwel waħda timporta fittings ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut, filwaqt li t-tieni waħda tipprovdi servizzi ta' dikjarazzjoni doganali. It-tnejn li huma huma mfittxija b'mod partikolari talli evadew, waqt l-importazzjoni ta' fittings ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut bil-grafit sferojdali li joriġinaw miċ-Ċina matul il-perijodu bejn id-19 ta' Novembru 2012 u t-30 ta' Ġunju 2015, il-ħlas ta' dazji antidumping fl-ammont ta' EUR 651 954.11 billi ddikjaraw dawn il-fittings taħt intestatura tariffarja u denominazzjoni żbaljata, jiġifieri s-subintestatura 7307 11 10 tan-NM, li tikkorrispondi għall-fittings tal-ħadid fondut mhux malleabbli.

24 F'dan ir-rigward, is-Centrale Administratie der Douane en Accijnzen (l-Amministrazzjoni Ċentrali tad-Dwana u tas-Sisa, il-Belġju), permezz ta' deċiżjonijiet tat-30 ta' Marzu 2015 u tad-9 ta' April 2015, ikkunsidrat li dawn il-prodotti kienu jaqgħu taħt is-subintestatura 7307 19 10 tan-NM u taħt il-kodiċi TARIC 7307 19 10 90 ("fittings ta' tubi jew pajpijiet minn forma, ta' ħadid fondut malleabbli, mingħajr kamin"). Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet kienu jirreferu għan-Nota ta' Spjega tan-NM dwar l-intestatura 7307 19 10, li tindika li t-terminu "ħadid fondut malleabbli" iko-pri wkoll il-ħadid fondut bil-grafit sferojdali, kif ukoll għall-konklużjonijiet tal-140 laqgħa tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, li nżammet mit-30 ta' Settembru sat-3 ta' Ottubru 2014, li jikkonfermaw, essenzjalment, li dan it-terminu għandu jinftiehem b'mod wiesa'.

25 Peress li dawn ir-rikorsi amministrattivi baqgħu mingħajr suċċess, Profit Europe ppreżentat, fl-10 ta' Mejju 2016, quddiem in-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Olandiża, il-Belġju) rikors kontra kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet.

26 Barra minn hekk, fl-24 ta' Frar 2017, inbdew proċeduri kriminali kontra Profit Europe u Gosselin quddiem ir-rechtbank van eerste aanleg Antwerpen, afdeling Antwerpen (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Antwerpen, Diviżjoni ta' Antwerpen, il-Belġju), b'mod partikolari talli ddikjarat merkanzija taħt kodiċi tariffarju u denominazzjoni żbaljata.

27 Filwaqt li din il-proċedura kienet pendenti n-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Olandiża), fis-16 ta' Ġunju 2017, ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, f'żewġ kawżi li taw lok għas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, Profit Europe (C-397/17 u C-398/17, EU:C:2018:564).

28 F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fittings fonduti ta' tubi jew ta' pajpijiet, ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali, għandhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura residwa 7307 19 90 tan-NM ("fittings oħra ta' tubi u pajpijiet, ta' ħadid fondut, ħadid jew azzar minn forma").

29 Wara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, Profit Europe (C-397/17 u C-398/17, EU:C:2018:564), l-Istat Belġjan irrinunzja milli jsostni l-pożizzjoni li kien iddefenda sa dak iż-żmien quddiem in-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Olandiża) u Profit Europe ngħatat kumpens proċedurali.

30 Permezz ta' sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, ir-rechtbank van eerste aanleg Antwerpen, afdeling Antwerpen (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Antwerpen, Diviżjoni ta' Antwerpen, il-Belġju), minn naħa, ħelset lil Profit Europe u lil Gosselin mill-fatti relatati mad-dikjarazzjoni taħt intestatura tariffarja u denominazzjoni żbaljati u, min-naħa l-oħra, iddikjarat l-azzjoni fiskali tal-Amministrazzjoni Doganali ammissibbli iżda infondata.

31 Fis-16 ta' April 2019, l-Openbaar Ministerie (l-Uffiċċju tal-Prosekutur, il-Belġju) u l-Federale Overheidsdienst Financiën (is-Servizz Pubbliku Federali tal-Finanzi, il-Belġju) appellaw minn dik is-sentenza quddiem il-hof van beroep te Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerpen, il-Belġju).

32 Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Ġunju 2020, din il-qorti, skont l-Artikolu 267 TFUE, ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tar-regolamenti antidumping.

33 Fis-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Profit Europe u Gosselin Forwarding Services (C-362/20, EU:C:2021:612), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn ir-regolamenti għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dazji antidumping provviżorji u definittivi stabbiliti mill-imsemmija regolamenti japplikaw għall-fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li joriġinaw miċ-Ċina.

34 Quddiem il-Hof van beroep te Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerpen), li hija l-qorti tar-rinviju f'din il-kawża, Profit Europe u Gosselin isostnu li dawn l-istess regolamenti, sa fejn jimponu dazji antidumping fuq fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali, filwaqt li jirreferu esklużivament għal dawk tal-ħadid fondut "malleabbli", huma invalidi minħabba li jiksru l-Artikoli 1, 5, 6 u 9 tar-Regolament bażiku.

35 Il-qorti tar-rinviju tosserva li r-riferiment fir-Regolament provviżorju, taħt it-titolu "Prodott simili", għall-prodotti ta' "ħadid fondut duttili", espressjoni li sservi wkoll sabiex jikklassifikat il-ħadid fondut bil-grafit sferojdali, la ġej mill-ilment ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2012 mill-Kumitat tal-protezzjoni tal-industrija tal-fittings fonduti ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut malleabbli tal-Unjoni, u lanqas min-notifika ta' bidu, iżda minn kumment espress minn Stat Membru wara l-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

36 Minn dan, din il-qorti tiddeduċi li l-aċċessorji tal-ħadid fondut duttili, li, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju 2018, Profit Europe (C-397/17 u C-398/17, EU:C:2018:564), huma differenti mill-ħadid fondut malleabbli minħabba l-kompożizzjoni u l-metodu ta' produzzjoni tiegħu, ma kinux is-suġġett ta' investigazzjoni antidumping. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda data f'ċifri li tippermettilha tiddetermina jekk l-importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili kinux is-suġġett ta' dumping fl-Unjoni, jekk dan id-dumping kienx jikkawża dannu u jekk kienx fl-interess tal-Unjoni li dawn l-importazzjonijiet jiġu suġġetti għal miżuri antidumping. B'mod partikolari, mir-Regolament provviżorju ma jirriżultax li l-Kummissjoni kellha l-informazzjoni neċessarja sabiex tiddetermina l-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, kif ukoll għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġni ta' dumping.

37 L-imsemmija qorti tistaqsi jekk, fl-assenza ta' din id-data, il-Kummissjoni setgħetx sempliċement testendi għall-fittings ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni antidumping imwettqa esklużivament abbażi tal-fittings ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut malleabbli.

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-hof van beroep te Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerpen) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li jmiss:

"Ir-Regolamenti [provviżorju] u [definittiv] jiksru l-Artikoli 1, 5, 6 u 9 tar-Regolament […] meta jagħmlu importazzjonijiet ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw […] [miċ-]Ċina suġġetti għad-dazji antidumping fuq l-importazzjoni, meta la l-ilment qabel il-bidu ta' proċedura antidumping u lanqas l-avviż tal-bidu tal-miżura antidumping ma identifikaw din il-merkanzija mal-prodott ikkonċernat, li l-ebda prova ta' dumping, dannu u rabta kawżali ma ġiet prodotta u li l-Kummissjoni Ewropea bl-ebda mod ma eżaminat il-valur normali tagħhom, il-prezz tal-esportazzjoni tagħhom, il-marġni ta' dumping eventwali tagħhom, id-dannu eventwali tagħhom, il-firxa tad-dannu, l-impatt ta' fatturi oħra magħrufa fuq id-dannu, ir-rabta kawżali bejn id-dumping u d-dannu u l-ħtieġa li din il-merkanzija (fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin) jiġu suġġetti għal dazji antidumping fl-interess tal-Unjoni?"

Fuq id-domanda preliminari

39 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament provviżorju u r-Regolament definittiv humiex invalidi fid-dawl tal-Artikoli 1, 5, 6 u 9 tar-Regolament bażiku sa fejn jissuġġettaw l-importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali li joriġinaw miċ-Ċina għal dazji antidumping filwaqt li l-ilment, in-notifika ta' bidu u l-investigazzjoni sussegwenti kienu jirrigwardaw biss il-fittings ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin tal-ħadid fondut malleabbli.

40 Abbażi tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament bażiku, prodott li huwa s-suġġett ta' dumping jista' jiġi suġġett għal dazju antidumping meta r-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera tiegħu fl-Unjoni jikkawża dannu. Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu jippreċiża li prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala oġġett ta' dumping meta l-prezz tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni jkun inqas minn prezz paragunabbli, applikat matul tranżazzjonijiet kummerċjali normali, għal prodott simili fil-pajjiż esportatur.

41 L-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament bażiku jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li fihom tinfetaħ l-investigazzjoni intiża sabiex jiġu ddeterminati l-eżistenza, il-grad u l-effett ta' dumping eventwali. Meta tinfetaħ l-investigazzjoni wara lment, l-Artikolu 5(2) tal-imsemmi regolament jipprevedi li din għandha tinkludi, b'mod partikolari, deskrizzjoni kompleta tal-prodott li allegatament huwa s-suġġett ta' dumping kif ukoll provi dwar l-eżistenza ta' dumping fuq dan il-prodott u ta' dannu li jirriżulta minnu lill-industrija tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 5(10) tal-istess regolament, in-notifika ta' bidu tal-proċedura, li tħabbar il-ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni, tindika, b'mod partikolari, il-prodott ikkonċernat u tipprovdi sunt tal-informazzjoni rċevuta.

42 L-Artikolu 6 tar-Regolament bażiku jiddefinixxi r-regoli u l-proċeduri applikabbli matul l-investigazzjoni.

43 Skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-regolament, meta mill-konstatazzjoni definittiva tal-fatti jirriżulta li hemm dumping u dannu li jirriżulta minnu u li l-interess tal-Unjoni jkun jeħtieġ azzjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tal-imsemmi regolament, għandu jiġi impost dazju anti-dumping definittiv.

44 B'hekk mill-Artikolu 1 u mill-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku jirriżulta li jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri antidumping biss prodotti li kienu suġġetti għal investigazzjoni antidumping u li għalihom ġie kkonstatat li huma esportati lejn l-Unjoni bi prezz inferjuri għall-prezz ta' prodotti simili fil-pajjiż esportatur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Profit Europe u Gosselin Forwarding Services, C-362/20, EU:C:2021:612, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula, għandu għalhekk jiġi ddeterminat jekk fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali, kinux jaqgħu, kif meħtieġ mir-Regolament bażiku, taħt id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-investigazzjoni, kif kien jidher fil-punt 2 tan-notifika ta' bidu.

46 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, wara l-ilment dwar il-fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, fis-16 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni ppubblikat in-notifika ta' bidu li l-punt 2 tagħha tiddefinixxi l-prodott suġġett għall-investigazzjoni bħala "fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli". Il-punt 3 ta' din in-notifika kien jippreċiża li l-prodott li allegatament huwa s-suġġett ta' dumping kien għalhekk jaqa' taħt is-subintestatura 7307 19 10 tan-NM, filwaqt li kien jindika li din is-subintestatura kienet imsemmija "b'mod purament indikattiv".

47 Issa, fl-ewwel lok, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fil-punti 73 u 74 tas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Profit Europe u Gosselin Forwarding Services (C-362/20, EU:C:2021:612), mill-Artikolu 20(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità jirriżulta li l-miżuri stabbiliti minn dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni speċifiċi, applikabbli fil-kuntest tal-kummerċ ta' merkanzija, minbarra d-dazji legalment dovuti fil-każ ta' tnissil ta' dejn doganali, jiġifieri, b'mod partikolari, id-dazji antidumping, huma biss, "jekk ikun il-każ", applikati skont il-klassifikazzjoni tariffarja ta' din il-merkanzija. Għaldaqstant, sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, bħalma huwa l-każ

fis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, Profit Europe (C-397/17 u C-398/17, EU:C:2018:564), tirrigwarda biss il-klassifikazzjoni tariffarja ta' prodott, barra minn hekk imsemmi fir-Regolamenti antidumping, ma tistax, bħala tali, ikollha effett fuq il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Din l-aħħar sentenza għalhekk ma tistax tippermetti li jitqies li l-fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut bil-grafit sferojdali ma kienx suġġett għall-investigazzjoni antidumping ikkonċernata.

48 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li, matul il-perijodu kollu bejn il-preżentata tal-ilment u l-adozzjoni tar-regolament definittiv, in-noti ta' spjega tan-NM dwar is-subintestatura 7307 19 10, li taħtha jaqgħu l-aċċessorji minn forma magħmula minn ħadid fondut malleabbli, jindikaw li l-kliem "ħadid fondut malleabbli", fis-sens ta' din is-subintestatura, kien ikopri wkoll il-ħadid fondut bil-grafit sferojdali.

49 Minn dawn in-noti ta' spjega jirriżulta wkoll li l-kunċett ta' "ħadid fondut malleabbli", fis-sens tagħhom, għandu jinftiehem b'paragun mal-ħadid fondut mhux malleabbli.

50 Issa, għandu jitfakkar li l-malleabbiltà tindika, fix-xjenza tal-materjali, il-kapaċità ta' materjal li jibdel il-forma taħt sforz ta' kompressjoni u li l-ħadid fondut bil-grafit sferojdali, jista', sa ċertu punt, jibdel il-forma taħt tali sforz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, Profit Europe (C-397/17 u C-398/17, EU:C:2018:564, punti 40 u 43). Għalhekk, il-ħadid fondut bil-grafit sferojdali jista' jiġi kklassifikat bħala "malleabbli".

51 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 48 sa 50 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-kunċett ta' "ħadid fondut malleabbli", fis-sens tal-ilment u tal-punt 2 tan-notifika ta' bidu, kien jinkludi l-ħadid fondut bil-grafit sferojdali, b'tali mod li l-aċċessorji ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, magħmula mill-ħadid fondut bil-grafit sferojdali kienu jikkostitwixxu sempliċement varjant tal-"prodott" ikkonċernat, fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) u tal-Artikolu 5(10) tar-Regolament bażiku.

52 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-kunċett ta' "prodott […] kkunsidrat bħala oġġett ta' dumping", fis-sens tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament bażiku, ma jirreferix neċessarjament għal prodott ikkunsidrat bħala assjem omoġenju. Min-naħa l-oħra, huwa relevanti, sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut ta' dan il-kunċett f'każ konkret, il-fatt li l-prodott ikkunsidrat jirreferi għal żewġ prodotti li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi essenzjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Portmeirion Group, C-232/14, EU:C:2016:180, punti 38 sa 42 u 48).

53 Issa, il-fittings fonduti ta' tubi jew ta' pajpijiet bil-kamin, kemm jekk magħmula minn "ħadid fondut malleabbli" jew minn "ħadid fondut bil-grafit sferojdali", għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi essenzjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Profit Europe u Gosselin Forwarding Services, C-362/20, EU:C:2021:612, punt 63), b'tali mod li, kif sostniet il-Kummissjoni waqt is-seduta, dawn huma fundamentalment intiżi għall-istess użu u huma interkambjabbli.

54 Għaldaqstant, l-aċċessorji ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, magħmula mill-ħadid fondut bil-grafit sferojdali kienu jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott li kien allegat fl-ilment li kien is-suġġett ta' dumping kif ukoll tal-prodott suġġett għall-investigazzjoni. Minn dan isegwi li d-data miġbura fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, kif ukoll il-konklużjonijiet dwar id-dumping, id-dannu, ir-rabta kawżali u l-interess tal-Unjoni li għalihom wasslet l-investigazzjoni inizjali fir-rigward ta'

fittings fonduti ta' tubi jew ta' pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, kienet tikkonċerna wkoll l-aċċessorji ta' tubi jew ta' pajpijiet bil-kamin, magħmula mill-ħadid fondut bil-grafit sferojdali.

55 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, skont il-premessa 28 tar-Regolament provviżorju, l-aċċessorji bil-kamin ta' "ħadid fondut duttili" jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura u tal-miżuri, peress li l-aċċessorji tal-ħadid fondut duttili għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi essenzjali bħall-fittings bil-kamin magħmula mill-ħadid fondut malleabbli. Issa, minn naħa, ġie ppreċiżat ukoll, fil-parti l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi tal-premessa 28, li l-ħadid fondut bil-grafit sferojdali huwa identiku għall-ħadid fondut duttili. Min-naħa l-oħra, mill-premessa 13 tar-regolament definittiv jirriżulta li ebda osservazzjoni relatata mal-prodott ikkonċernat ma kienet ġiet ifformulata, b'tali mod li l-konklużjonijiet li jinsabu b'mod partikolari fl-imsemmija premessa 28 kienu kkonfermati.

56 Minn dawn il-konstatazzjonijiet jirriżulta li l-premessa li fuqha hija bbażata d-domanda preliminari, jiġifieri dik li tgħid li l-fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, tal-ħadid fondut bil-grafit sferojdali ma kinux is-suġġett tal-proċedura antidumping ikkonċernata hija żbaljata, b'tali mod li d-dubji tal-qorti tar-rinviju dwar il-validità tar-regolamenti antidumping fid-dawl tal-Artikoli 1, 5, 6 u 9 tar-Regolament bażiku huma infondati.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni kollha li preċedenti, hemm lok li r-risposta għat-tieni domanda tkun li l-eżami tagħha ma żvela ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolamenti antidumping fir-rigward tal-Artikoli 1, 5, 6 u 9 tar-Regolament bażiku.

Fuq l-ispejjeż

58 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-eżami tad-domanda preliminari ma żvela ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1071/2012 tal-14 ta' Novembru 2012 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajl[andja] (ĠU 2012, L 318, p. 10, iktar 'il quddiem ir-"Regolament provviżorju"), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 430/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajlandja u li jtemm il-proċediment fir-rigward tal-Indoneżja, fir-rigward tal-Artikoli 1, 5, 6 u 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea.

Firem